VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,023, 29 ta' Jannar, 2013
Taqsima B

A.L. 38 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI

(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 11 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) jista' jingħata fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

L-Antropoloġija, l-Arkeoloġija, il-*Classics*, iċ-Ċiniż, l-Ebrajk Klassiku, il-Filosofija, il-Franċiż, il-Ġografija, il-Ġermaniż, l-Għarbi, l-Ingliż, l-Istorja, l-Istorja tal-Arti, l-Istudji Mediterranji Kontemporanji, l-Istudji tal-Mużika, l-Istudji Soċjali, tal-Ispanjol u l-Istudji tal-Amerika Latina, l-Istudji tat-Teatru, il-Lingwistika, il-Malti, in-*Near Eastern Studies*, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, is-Soċjoloġija, it-Taljan, u kwalunkwe qasam ta' studju ieħor irrakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat.

(2) Il-grad ta' Bachelor of Arts jista' jingħata fi kwalunkwe żewġ oqsma ta' studju minn dawk imniżżla fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament u/ jew minn:

l-American Studies, il-Communication Studies, il-Comparative Religion, l-Ekonomija, il-Grieg, il-Latin, il-Library Information and Archive Studies, l-Istudji Mediterranji, il-Psikoloġija u kwalunkwe qasam ta' studju ieħor irrakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (e) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(e) għall-**Istudji tal-Ispanjol u tal-Amerika Latina** jew bħala qasam ta' studju Prinċipali jew bħala qasam ta' studju Sussidjarju, jridu jkunu għaddew mill-eżami fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata, jew l-ekwivalenti, bi Grad C jew aħjar fl-Ispanjol."

5. Il-paragrafu (f) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (e) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(e) għall-**Communication Studies** jew bħala qasam ta' studju Prinċipali jew bħala qasam ta' studju Sussidjarju, jridu jkunu għaddew mill-eżami fil-Livell tal-Matrikola Intermedju, jew l-ekwivalenti, fl-Ingliż."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

8. (1) Fl-aħħar tal-ewwel sena tal-Kors, l-istudenti huma meħtieġa jagħżlu bejn il-grad tal-B.A.(Hons) u l-grad tal-B.A. L-istudenti jitħallew jipproċedu għall-grad tal-B.A. (Hons) (ħlief fl-oqsma ta' studju msemmija fil-paragrafu (2) tal-ordinament 3) jekk fl-aħħar tal-ewwel sena ta' studju huma jiksbu marka medja minima ta' 65% fil-qasam ta' studju li jagħżlu.

(2) L-istudenti li jiksbu l-marka medja minima ta' 65% fil-qasam ta' studju magħżul għall-Kors bl-Unuri iżda li jkun jonqoshom sa 10 kredti għal kwalunkwe taqsimiet studju obbligatorji f'dan il-qasam ta' studju, jistgħu jitħallew jipproċedu kondizzjonalment għat-Tieni Sena tal-Kors tal-B.A. (Hons), sakemm li jtemmu b'suċċess it-taqsima/taqsimiet obbligatorji li jkunu weħlu fihom, fis-sena ta' wara."